

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/969/PESK**tal-15 ta' Diċembru 2009****li testendi l-miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus inniżżla fil-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/314/PESK**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' April 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus ⁽¹⁾.
- (2) Bil-Pożizzjoni Komuni 2009/314/PESK tas-6 ta' April 2009 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK ⁽²⁾ il-miżuri restrittivi ġew estiżi sal-15 ta' Marzu 2010. Madankollu, ir-restrizzjonijiet ta' vvjaġġar imposti fuq ċerti figuri ewlenin tal-Belarus, bl-eċċezzjoni ta' dawk involuti fl-isparizzjonijiet li seħħew fl-1999 u fl-2000 u tal-President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, ġew sospiżi sal-15 ta' Diċembru 2009.
- (3) Fis-17 ta' Novembru 2009 l-Kunsill qabel li minħabba n-nuqqas ta' progress tanġibbli fl-oqasma identifikati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2008, il-miżuri restrittivi previsti bil-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK għandhom jiġu estiżi sa Ottubru 2010, filwaqt li s-sospensjoni tar-restrizzjonijiet ta' vvjaġġar imposti fuq ċerti figuri ewlenin tal-Belarus, bl-eċċezzjoni ta' dawk involuti fl-isparizzjonijiet li seħħew fl-1999 u fl-2000 u tal-President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, għandhom ukoll jiġu estiżi sa Ottubru 2010. Fit-tmiem ta' dak il-perijodu, il-Kunsill ser jirrevedi l-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarus. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jerġa' japplika jew ineħħi r-restrizzjonijiet ta' vvjaġġar fi kwalunkwe ħin, fid-dawl ta' azzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Belarus fl-isfera tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.
- (4) Għalhekk il-Pożizzjoni Komuni 2009/314/PESK għandha titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK huma b'dan estiżi sal-31 ta' Ottubru 2010.

Artikolu 2

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1)(b) tal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, safejn japplikaw għas-Sur Yuri Nikolaievitch Podobed, huma b'dan sospiżi sal-31 ta' Ottubru 2010.
2. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1)(c) tal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, huma b'dan sospiżi sal-31 ta' Ottubru 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta mill-ġdid qabel il-31 ta' Ottubru 2010 fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarus.

Artikolu 4

Il-Pożizzjoni Komuni 2009/314/PESK hija b'dan imħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill**Il-President*

E. ERLANDSSON

⁽¹⁾ ĠU L 101, 11.4.2006, p. 5.⁽²⁾ ĠU L 93, 7.4.2009, p. 21.